MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2014

Numru 1091/2013

Il-Pulizija

(Spettur Spiridione Zammit)

vs

Stefan Desira

Joshua Gatt

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoniet kontra l-imputati : Stefan Desira ta’ karta ta’ identita’ numru 321082(M) u Joshua Gatt ta’ karta ta’ l-identita bin-numru 96589 (M). Akkuzati talli :

Fil-5 ta’ Ottubru 2013 waqt li kien fi Triq San Frangisk Hal Tarxien, u/jew f’dawn il-Gzejjer, kkommetta serq ta’ batteriji minn vettura tal-ghamla Isuzu bin-numru tar-registrazzjoni FAN 003 ghad-detriment ta’ Ivan Mercieca minn Hal Tarxien u/jew persuni ohra, liema serq aggravat bil-valur ma jeccedix 2329.37 Euro, lok, mezz u bix-xorta tal-haga misruqa.

Ukoll talli rrendew ruhhom ricedivi ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Lil Joshua Gatt wahdu akkuzat talli ghamel reat fil-perjodu operattiv ta' setnenza moghtija lilu u kkonfermata fil-25 ta' Gunju 2012 mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta (Mag C. Peralta, LL.D.)

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet lill-imputati jirregistraw ammissjoni li nsistew fuqha anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkonsidraw;

Fuq tali ammissjoni ssibhom hatja tar-reati lilhom addebitati.

Rat l-Artikolu 261 (b) (c) (e) (g), 264, 267, 269, 271, 278 (2), 279 (a), 280(1), 49 u 50 tal-Kap 9.

Tiddeciedi, wara li kkunsidrat is-sottomissjonijiet orali tal-partijiet, li tapplika kontra l-imputati l-Artikolu 7 tal-Kap 446 ghal perjodu ta' tlett snin millum. Il-Qorti spjegat lill-imputati r-responsabbiltajiet taghhom skont is-sentenza.

# < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------